**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 297/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Sean Attard**
**(ID 182394(M))**

**Illum, 5 ta' Ottubru, 2016**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Sean Attard ta' 19-il sena, iben Dorianne nee` Attard, imwieled il-Pieta`, nhar l-14 ta' April 1994, residenti Blokk 1, Flat 6, Triq l-Indipendenza, Haz-Zebbug, Malta u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 182394(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Ottubru 2013 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif

emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (mephedrone) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

c) Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. M. Trigona LL.D., fejn fl-14 ta' Novembru 2011, gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

d) Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D. nhar id-29 ta' Mejju 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi f'dan il-kaz, permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bil-pussess aggravat ta' medicina psiktropika u ristretta u permezz tat-tieni imputazzjoni bil-pussess semplici ta' medicina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) u dan b'referenza ghat-12 ta' Ottubru 2013 u l-jiem ta' qabel din id-data. Ghalkemm l-ewwel imputazzjoni ma tispecifikax it-tip ta' medicina

psikotropika u ristretta, mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi hawnhekk, bhal fit-tieni imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni qed tirreferi ghas-sustanza *mephedrone*, u dan stante illi fl-istess stqarrija tieghu, l-imputat ma jsemmi l-ebda sustanza ohra ghajr il-*Miaw Miaw*, kif inhi komunament maghrufa l-*mephedrone* fit-triq.

Jirrizulta mix-xhieda ta' PC 1550 Joseph Mallia[1] u ta' PS 1354 Claudio Coppola[2], illi fit-12 ta' Ottubru 2013, l-imputat instab fil-pussess ta' tmintax-il pakkett bi trab abjad fuq il-persuna tieghu. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu[3], wara li huwa nghata s-solita twissija u d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tieghu, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx[4], l-imputat jghid illi s-sustanza in kwistjoni hija *Miaw Miaw* u li huwa kien ilu jabbuza minnha madwar hames xhur. Jghid ukoll *inter alia* illi huwa kien ghadu kif xtara l-istess sustanza ftit tal-hin qabel gie mwaqqaf mill-pulizija, li l-ahhar li ha minnha kien il-gimgha ta' qabel, fil-*weekend*, li generalment, huwa jiehu din is-sustanza fil-*weekend* meta jitla' Paceville u li jiehu bejn tmintax jew ghoxrin pakkett f'lejl, meta jkollu l-flus. Jghid ukoll illi huwa jabbuza minnha billi jhallatha mal-alkohol u mistoqsi kif ihossu wara li jehodha, jghid illi jiehu pjacir biha. In oltre jghid illi jixtri din is-sustanza minn Paceville, minghand zewg persuni ta' karnaggjon skur li jkunu qeghdin fil-*parking area*, l-isfel minn Axis.

Mir-relazzjoni esebita mill-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut[5], jirrizulta illi l-istess espert inghata tmintax-il borza tal-plastik trasparenti li kien fihom trab ta' lewn abjad u illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad, <u>ma nstabitx droga</u>. Il-piz tat-trab kien ta' 5.86 grammi. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess espert[6], illi "*s-sustanza kienet wahda minn dawn in-new psychoactive substances li mhix ikkontrollata*".

Ghalhekk ghalkemm l-imputat kien taht l-impressjoni illi huwa kellu s-sustanza maghrufa bhala *Miaw Miaw* (ossia *mephedrone*) fil-pussess tieghu, fil-fatt din ma kinitx *mephedrone*, izda sustanza ohra li m'hijiex skedata fil-ligi. Dan ifisser illi in kwantu jirrigwarda l-jum li fih instabet din is-sustanza fil-pussess tal-imputat ossia fit-12 ta' Ottubru 2013, l-element materjali tar-reati kkontemplati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet ma kienx jissussisti u ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati tal-istess.

---

[1] Ara x-xhieda a fol. 7 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 9 *et seq* tal-process.
[3] Ara l-istqarrija esebita a fol. 17 *et seq* tal-process.
[4] Ara d-dikjarazzjoni tal-imputat, esebita a fol. 16 tal-process.
[5] Esebita a fol. 29 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 27 *et seq* tal-process.

Issa ghalkemm dawn iz-zewg imputazzjonijiet jirreferu wkoll ghall-jiem ta' qabel it-12 ta' Ottubru 2013 (li kien jahbat il-jum tas-Sibt) u fl-istqarrija tieghu, l-imputat jammetti illi l-ahhar darba li huwa kien abbuza mis-sustanza *Miaw Miaw* kien fil-*weekend* tal-gimgha ta' qabel u ghalhekk ukoll fil-parametri taz-zmien ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet, biss la darba rrizulta illi fis-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat – li huwa haseb li kienet *Miaw Miaw* - ma nstabitx droga, il-Qorti ghandha dubju dwar jekk is-sustanza li ghamel uzu minnha l-imputat fil-*weekend* ta' qabel kinitx effettivament *mephedrone.* Dan ghaliex ghalkemm l-imputat jiddeskrivi l-effett ta' din is-sustanza bhala tali li huwa jiehu pjacir biha, kemm is-sustanza *mephedrone*, kif ukoll is-sustanza li nstabet fuqu u li m'hijiex skedata, huma t-tnejn *psychoactive substances*[7], bir-rizultat ghalhekk illi t-tnejn kapaci jipproducu dan l-effett. Mhux biss izda l-imputat jghid ukoll illi huwa kien jixtri din is-sustanza minghand l-istess zewg persuni gewwa Paceville u f'dan ir-rigward ma ngabet l-ebda prova ohra li turi mod iehor. Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax tasal sal-konvinciment morali illi s-sustanza li kienet fil-pussess tal-imputat fil-jiem ta' qabel it-12 ta' Ottubru 2013, kienet effettivament *mephedrone.*

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet (a) u (b) ma jirrizultawx sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

Isegwi ghalhekk illi la darba m'hijiex qed tinstab reita` fl-imputat fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, il-Qorti lanqas ma tista' ssibu hati tal-imputazzjoni (c) u tal-addebitu tar-recidiva mertu tal-imputazzjoni (d).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita bhala Dokument MB, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

---

[7] http://www.emcdda.europa.eu/system/files/publications/559/2010_Mephedrone_Joint_report_279863.pdf